31992R2812

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2812/92
tal-25 ta' Settembru 1992
li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1039/92 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġett riferut fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċi approprjat tan-NM indikat fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġett deskritt fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huwa issa kklassifikat ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi approprjat tan-NM indikat fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-25 ta' Settembru 1992.

Għall-Kummissjoni.

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 110, tat-28.4.1992, p. 42.

L-ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-kodiċi tal-Klassifikazzjoni tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Vanadium carbonitride li fih bħala toqol: — vanadium 79,5 % — nitrogen 12,0 % — karbonju 7,0 %	2849 90 50	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 2849, 2849 90, 2849 90 50 u 2850. Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armoniżżata 28.49, parti Ċ.
Vanadium carbonitride li fih bħala toqol: — vanadium 79,0 % — nitroġenu 16,0 % — karbonju 3,5 %	2849 90 50	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 2849, 2849 90, 2849 90 50 u 2850. Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armoniżżata, l-intestatura 28.49, parti Ċ.